MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 737/2000/1

**Adelaide Ellul, xebba, Edmea u Michael mizzewgin Calleja u John Ellul, ahwa Ellul u b'digriet tat-30 ta' April**
**2002 l-atti gew trasfuzi fuq Adelaide Ellul, xebba u Edmea**
**u Michael mizzewgin Calleja stante il-mewt ta' John Ellul l-attur**

**Vs**

**Carmel sive Charles Ellul u martu Mary Ellul**

Il-Qorti,

Rat l-aviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess atturi s-somma ta' erba mija tnejn u tletin lira Maltin hamsin centezmi (Lm432.50) kwantu ghas-somma ta' tlett mija hamsa u tmenin lira maltin wiehed u erbghin centezmu (Lm385.41) kera tal-garage tlettax Saint Publius

Street, Floriana, ghall-perijodu mill-1 ta' Jannar 1985 sal-5 ta' Novembru 1997 data tas-sentenza ta' zgumbrament fil-kawza fl-ismijiet 'Adelaide Ellul et vs Charles Ellul" moghtija mill-Bord li jirregola l-Kera kif sussegwentement konfermata mill-Qorti tal-Appell, u kwantu ghas-somma ta' seba u erbghin lira Maltin disa centezmi (Lm47.09) in linea ta' danni ghall-okkupazzjoni taghhom tal-istess fond mis-6 ta' Novembru 1997 sal-31 ta' Mejju 1999 kalkolati a bazi tal-kera.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittri ufficjali tat-28 ta' Frar 1985, 18 ta' Settembru 1985, 17 ta' Marzu 1992, 18 ta' Settembru 1995, 12 ta' Frar 1997 u 22 ta' Ottubru 1999 u bl-imghax ta' 8% minn notika ta' dan l-avviz, Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti (fol 6 tal-atti) u li biha eccepew bir-rispett:-

1. <u>In linea preliminari</u>, l-azzjoni attrici fejn din tirrigwarda t-talba ghall-hlas ta' kera tal-fond de quo hija preskritta a tenur tal-Art. 2156 © tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. <u>Bla pregudizzju</u> ghall-premess, l-atturi ghandhom jaghtu prova tal-kirja li fuqha qed tigi proposta l-azzjoni odjerna.
3. It-talba attrici ghall-hlas tad-danni ghandha tkun respinta billi l-eccipjeni ma kkagunawx danni lill-atturi.
4. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 58.

Rat is-sentenza Taghha preliminari moghtija fiz-17 ta' Settembru 2003 (fol 53 et seq ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi kif risultanti mis-sentenza citata din il-Qorti kienet akkoljiet 'in parte' l-eccezzjoni kif proposta tal-preskrizzjoni billi ddecidiet illi Lm90 mill-ammont mitlub bhala kera kienu, fil-fatt, preskritti u b'hekk setghet tigi

kontinwata din l-azzjoni in rigward l-ammont ta’ Lm295.41 u in rigward it-tieni talba.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li:-

a) Permezz ta’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta’ Ottubru 1998, li kkonfermat dik moghtija mill-Bord li jirregola l-Kera, il-konvenuti odjerni kienu gew zgumbrati mill-fond in kwistjoni u ghal dan il-ghan, l-istess Qorti kienet iffissat il-perijodu ta’ xahar dekorribbli mit-22 ta’ Ottubru, 1998.
b) L-istess attrici, Adelaide Ellul (fol 17 u fol 18 tal-atti) ikkonfermat illi sakemm inghatat ic-cwievet tal-post, l-atturi ma kienux thallsu l-ammont ta’ kera, specifikat fl-avviz. Ghalhekk jidher car, f’nuqqas ta’ xi prova, kontrarja illi l-ammont ta’ kera, kif ridott, hu dovut mill-konvenuti.
c) Ma jidhirx li saret xi prova sabiex il-konvenuti jissostanzjaw l-eccezzjoni sottomessa minnhom in konnessjoni ma danni ghall-okkupazzjoni wara l-imsemmija sentenza ta’ zgumbrament liema danni gew likwidati a basi tal-kera imsemmija.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, l-eccezzjonijiet numru tnejn (2) u (3) tlieta ghandhom jigu respinti waqt li t-talbiet attrici, bir-riduzzjoni premessa, ghandhom jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa t-talbiet attrici kif hawn fuq ridotti u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-atturi s-somma globali ta’ Lm342.50,0 bl-imghax legali mid-19 ta’ Settembru 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittri ufficjali tat-28 ta’ Frar 1985, tat-18 ta Settembru 1985, tas-17 ta’ Marzu 1992, tat-18 ta’ Settembru 1995, tat-12 ta’ Frar 1997 u tat-22 ta’ Ottubru 1999.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------